# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

25 ta’ Lulju 2018*

“Appell – Għajnuna mill-Istat – Artikolu 107(1) TFUE – Sistema fiskali applikabbli għal ċerti ftehimiet ta’ lokazzjoni finanzjarja għax-xiri ta’ bastimenti (sistema Spanjola tat-taxxa tal-lokazzjoni) – Identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-għajnuna – Kundizzjoni dwar is-selettività – Distorsjoni tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri – Obbligu ta’ motivazzjoni”

Fil-Kawża C-128/16 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fid-29 ta’ Frar 2016,

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn V. Di Bucci, E. Gippini Fournier u P. Němečková, bħala aġenti,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-proċedura li huma:

**Ir-Renju ta’ Spanja**, irrappreżentat minn A. Sampol Pucurull, bħala aġent,

**Lico Leasing SA**, stabbilita f’Madrid (Spanja),

**Pequeños y Medianos Astilleros Sociedad de Reconversión SA**, stabbilita f’Madrid,

irrappreżentati minn M. Merola, avvocato, u minn M. Sánchez, abogado,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

**Bankia SA**, stabbilita f’Valencia (Spanja),

**Asociación Española de Banca**, stabbilita f’Madrid,

**Unicaja Banco SA**, stabbilita f’Málaga (Spanja),

**Liberbank SA**, stabbilita f’Madrid,

**Banco de Sabadell SA**, stabbilita f’Sabadell (Spanja),

**Banco Gallego SA**, stabbilita f’Santiago de Compostela (Spanja),

**Catalunya Banc SA**, stabbilita f’Barcelona,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

**Caixabank SA**, stabbilita f'Barcelona,

**Banco Santander SA**, stabbilita f'Santander (Spanja),

**Santander Investment SA**, stabbilita f'Boadilla del Monte (Spanja),

**Naviera Séneca AIE**, stabbilita f'Las Palmas de Gran Canaria (Spanja),

**Industria de Diseño Textil SA**, stabbilita f'Arteijo (Spanja),

**Naviera Nebulosa ta' Omega AIE**, stabbilita f'Las Palmas de Gran Canaria,

**Banco Mare Nostrum SA**, stabbilita f'Madrid,

**Abanca Corporación Bancaria SA**, stabbilita f'Betanzos (Spanja),

**Ibercaja Banco SA**, stabbilita f'Zaragoza (Spanja),

**Banco Grupo Cajatres SAU**, stabbilita f'Zaragoza,

**Naviera Bósforo AIE**, stabbilita f'Las Palmas de Gran Canaria,

**Joyería Tous SA**, stabbilita f'Lérida (Spanja),

**Corporación Alimentaria Guissona SA**, stabbilita f'Guisona (Spanja),

**Naviera Muriola AIE**, stabbilita f'Madrid,

**Poal Investments XXI SL**, stabbilita f'San Sebastián de los Reyes (Spanja),

**Poal Investments XXII SL**, stabbilita f' San Sebastián de los Reyes,

**Naviera Cabo Vilaboa C-1658 AIE**, stabbilita f'Madrid,

**Naviera Cabo Domaio, C-1659 AIE**, stabbilita f'Madrid,

**Caamaño Sistemas Metálicos SL**, stabbilita f'Culleredo (Spanja),

**Blumaq SA**, stabbilita f'Vall de Uxó (Spanja),

**Grupo Ibérica ta' Congelados SA**, stabbilita f'Vigo (Spanja),

**RNB SL**, stabbilita f'Puebla de Vallbona (Spanja),

**Inversiones Antaviana SL**, stabbilita f'Paterna (Spanja),

**Banco de Caja España de Inversiones, Salamanca y Soria SAU**, stabbilita f'Madrid,

**Banco de Albacete SA**, stabbilita f'Boadilla del Monte,

**Bodegas Muga SL**, stabbilita f'Haro (Spanja),

irrappreżentati minn J. L. Buendía Sierra, E. Abad Valdenebro, R. Calvo Salinero u A. Lamadrid de Pablo, abogados,

**Aluminios Cortizo SAU**, stabbilita f'Padrón (Spanja), irrappreżentata minn A. Beiras Cal, abogado,

intervenjenti fl-appell,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, A. Rosas, C. Toader, A. Prechal u E. Jarašiūnas (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: L. Carrasco Marco, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-1 ta' Marzu 2018,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 Permezz tal-appell tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-17 ta' Diċembru 2015, Spanja *et* vs Il-Kummissjoni (T-515/13 u T-719/13, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2015:1004), li permezz tagħha din annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/200/UE tas-17 ta' Lulju 2013 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.21233 C/11 (ex NN/11, ex CP 137/06) mogħtija minn Spanja [–] Reġim tat-taxxa applikabbli għal ċerti ftehimiet ta' lokazzjoni finanzjarja magħruf ukoll bħala s-Sistema Spanjola tat-Taxxa tal-Lokazzjoni (ĠU 2014, L 144, p. 1, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

**Il-fatti li wasslu għall-kawża**

2 Il-fatti li wasslu għall-kawża, kif jirriżultaw mis-sentenza appellata, jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

3 Wara li tressqu lmenti kontra l-fatt li s-sistema Spanjola tat-taxxa tal-lokazzjoni kif applikata għal ċerti ftehimiet ta' lokazzjoni finanzjarja għax-xiri ta' bastimenti (iktar 'il quddiem is-"SSTL") kienet tippermetti lill-kumpanniji tat-tbaħħir jixtru bastimenti mibnija f'tarzni Spanjoli billi jibbenefikaw minn tnaqqis fil-prezz ta' bejn 20 % u 30 %, il-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE permezz tad-Deċiżjoni C(2011) 4494 finali, tal-29 ta' Ġunju 2011 (ĠU 2011, C 276, p. 5).

4 Matul din il-proċedura, il-Kummissjoni kkonstatat li s-SSTL kienet tintuża, sad-data ta' din id-deċiżjoni, fi tranżazzjonijiet li jinvolvu l-bini ta' bastimenti minn tarzni u x-xiri tagħhom minn kumpanniji tat-tbaħħir kif ukoll fil-finanzjament ta' dawn it-tranżazzjonijiet permezz ta' struttura legali u finanzjarja *ad hoc* organizzata minn bank. Is-SSTL kienet tinvolvi, għal kull ordni ta' bastiment, kumpannija tat-tbaħħir, tarzna, bank, kumpannija tal-lokazzjoni u Raggruppament ta' Interess Ekonomiku (RIE) kompost minn bank u investituri li jixtru ishma f'dan ir-RIE. Dan tal-aħħar kien jieħu l-bastiment b'lokazzjoni mingħand kumpannija tal-lokazzjoni sa mill-bidu tal-bini tal-bastiment u sussegwentement kien jikri dan il-bastiment lill-kumpannija tat-tbaħħir permezz ta' kuntratt ta' noleġġ mingħajr ekwipaġġ. Ir-RIE kien jimpenja ruħu li jixtri l-bastiment fit-tmiem tal-kuntratt ta' lokazzjoni u l-kumpannija tat-tbaħħir kienet timpenja ruħha li tixtri l-bastiment fit-tmiem tal-kuntratt ta' noleġġ mingħajr ekwipaġġ. Skont id-deċiżjoni kontenzjuża, din kienet skema ta' ppjanar tat-taxxa maħsuba

sabiex tiġġenera vantaġġi fiskali għal investituri f'RIE li jkunu trasparenti fir-rigward tat-taxxa u sabiex tiġi ttrasferita parti minn dawn il-vantaġġi lill-kumpannija tat-tbaħħir fil-forma ta' tnaqqis fuq il-prezz tal-bastiment.

5 Il-Kummissjoni kkonstatat li l-operazzjonijiet SSTL kienu jiġbru flimkien ħames miżuri previsti f'diversi dispożizzjonijiet tar-Real Decreto Legislativo 4/2004, por el que se aprueba el texto refundido de la Ley del Impuesto sobre Sociedades (id-Digriet Leġiżlattiv Irjali 4/2004, li japprova t-test rivedut tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji), tal-5 ta' Marzu 2004 (BOE Nru 61, tal-11 ta' Marzu 2004, p. 10951, iktar 'il quddiem it-"TRLIS"), u tar-Real Decreto 1777/2004, por el que se aprueba el Reglamento del Impuesto sobre Sociedades (id-Digriet Irjali 1777/2004, li japprova r-regolament dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji), tat-30 ta' Lulju 2004 (BOE Nru 189, tas-6 ta' Awwissu 2004, p. 37072, iktar 'il quddiem ir-"RIS"). Dawn il-miżuri kienu id-deprezzament aċċellerat tal-assi mogħtija b'lokazzjoni previsti fl-Artikolu 115(6) tat-TRLIS, l-applikazzjoni diskrezzjonali tad-deprezzament antiċipat ta' assi mogħtija b'lokazzjoni li tirriżulta mill-Artikolu 48(4) u mill-Artikolu 115(11) tat-TRLIS kif ukoll mill-Artikolu 49 tar-RIS, id-dispożizzjonijiet dwar ir-RIE, is-sistema ta' tassazzjoni skont it-tunnellaġġ prevista fl-Artikoli 124 sa 128 tat-TRLIS u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 50(3) tar-RIS.

6 Skont l-Artikolu 115(6) tat-TRLIS, id-deprezzament aċċellerat tal-assi mogħtija b'lokazzjoni kien jibda fid-data meta l-assi jsir operattiv, jiġifieri, mhux qabel ma l-assi kien jiġi kkonsenjat u kien jibda jintuża mil-lokatarju. Madankollu, l-Artikolu 115(11) tat-TRLIS kien jipprevedi li l-Ministeru għall-Ekonomija u għall-Finanzi seta', fuq talba formali tal-lokatarju, jistabbilixxi data iktar bikrija għall-bidu tad-deprezzament. L-Artikolu 115(11) tat-TRLIS kien jimponi żewġ kundizzjonijiet ġenerali għal dan id-deprezzament antiċipat. Ir-rekwiżiti speċifiċi applikabbli għar-RIE kienu jinsabu fl-Artikolu 48(4) tat-TRLIS. Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 115(11) tat-TRLIS kienet spjegata fid-dettall fl-Artikolu 49 tar-RIS.

7 Is-sistema ta' tassazzjoni skont it-tunnellaġġ ġiet awtorizzata fl-2002 inkwantu għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern skont il-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu, tal-5 ta' Lulju 1997 (ĠU 1997, C 205, p. 5), kif emendati fis-17 ta' Jannar 2004 (ĠU 2004, C 13, p. 3), permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2002) 582 finali, tas-27 ta' Frar 2002, dwar l-għajnuna mill-Istat N 736/2001 mogħtija minn Spanja – Sistema għall-intaxxar tal-kumpanniji tat-trasport marittimu skont it-tunnellaġġ (ĠU 2004, C 38, p. 4). F'din is-sistema, l-impriżi rreġistrati f'wieħed mir-reġistri tal-kumpanniji tat-tbaħħir u li kisbu awtorizzazzjoni mill-awtorità tat-taxxa għal dan il-għan ma humiex intaxxati skont il-qligħ u t-telf magħmul minnhom, iżda skont it-tunnellaġġ. Il-leġiżlazzjoni Spanjola tippermetti lir-RIE jirreġistraw f'wieħed minn dawn ir-reġistri, għalkemm ma jkunux tal-kumpanniji tat-tbaħħir.

8 L-Artikolu 125(2) tat-TRLIS kien jipprevedi proċedura speċjali għall-bastimenti diġà mixtrija fil-mument tal-mogħdija għas-sistema ta' tassazzjoni skont it-tunnellaġġ u għall-bastimenti użati mixtrija meta l-impriża kienet diġà tibbenefika minn din is-sistema. Bl-applikazzjoni normali tal-imsemmija sistema, l-eventwali qligħ kapitali kien intaxxat taħt is-sistema ta' tassazzjoni skont it-tunnellaġġ u kien jiġi preżunt li t-tassazzjoni tal-qligħ kapitali, għalkemm ittardjata, kienet isseħħ meta l-bastiment kien jinbiegħ jew jiġi skreppjat. Madankollu, b'deroga minn din id-dispożizzjoni, l-Artikolu 50(3) tar-RIS kien jistabbilixxi li, meta l-bastimenti kienu jinxtraw permezz ta' opzjoni ta' xiri fil-kuntest ta' kuntratt ta' lokazzjoni approvat minn qabel mill-awtoritajiet tat-taxxa, dawn kienu jitqiesu bħala bastimenti ġodda u mhux użati fis-sens tal-Artikolu 125(2) tat-TRLIS, irrispettivament minn jekk kinux diġà ddeprezzati, b'tali mod li l-eventwali qligħ kapitali ma kienx intaxxat. Din id-deroga, li ma ġietx innotifikata lill-Kummissjoni, ġiet applikata biss għall-kuntratti ta' lokazzjoni speċifiċi approvati mill-awtoritajiet tat-taxxa fil-kuntest ta' talbiet għall-applikazzjoni tad-deprezzament antiċipat skont l-Artikolu 115(11) tat-TRLIS, jiġifieri għall-bastimenti mibnija riċentement u mogħtija b'lokazzjoni, mixtrija permezz ta' operazzjonijiet SSTL u, b'eċċezzjoni waħda, minn tarzni Spanjoli.

9 Permezz tal-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri, ir-RIE kien jirċievi l-vantaġġi fiskali f'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju, deprezzament antiċipat u aċċellerat tal-bastiment mogħti b'lokazzjoni kien jiġi applikat taħt is-sistema normali tat-taxxa fuq il-kumpanniji, li kien jiġġenera telf sinjifikattiv għar-RIE, li, minħabba t-trasparenza fiskali tar-RIE, seta' jitnaqqas mid-dħul stess tal-investituri fuq bażi *prorata* skont is-sehem tagħhom fir-RIE. Filwaqt li dan id-deprezzament antiċipat u aċċellerat tal-valur tal-bastiment għandu normalment ikun is-suġġett ta' tpaċija sussegwenti permezz ta' żieda fit-taxxi li għandhom jitħallsu meta l-bastiment jiġi ddeprezzat għal kollox jew meta l-bastiment jinbiegħ b'mod li jsir qligħ kapitali mill-bejgħ, l-iffrankar mit-taxxa li kien jirriżulta mit-trasferiment tat-telf inizjali lill-investituri kien jinżamm, fit-tieni stadju, billi r-RIE kien jaqleb għas-sistema ta' tassazzjoni skont it-tunnellaġġ, li kienet tippermetti l-eżenzjoni sħiħa tal-benefiċċji li kienu jirriżultaw mill-bejgħ tal-bastiment lill-kumpannija tat-tbaħħir.

10 Filwaqt li qieset li s-SSTL għandha tiġi deskritta bħala sistema, il-Kummissjoni analizzat ukoll individwalment kull waħda mill-miżuri inkwistjoni. Permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża, hija ddeċidiet li, fost dawn il-miżuri, dawk li jirriżultaw mill-Artikolu 115(11) tat-TRLIS dwar id-deprezzament antiċipat ta' assi mogħtija b'lokazzjoni, mill-applikazzjoni tas-sistema ta' tassazzjoni skont it-tunnellaġġ għal impriżi, għal bastimenti jew għal attivitajiet mhux eliġibbli u mill-Artikolu 50(3) tar-RIS (iktar 'il quddiem il-"miżuri fiskali inkwistjoni") kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat lir-RIE u lill-investituri tagħhom implimentata illegalment mir-Renju ta' Spanja mill-1 ta' Jannar 2002, bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE. Hija ddikjarat li l-miżuri fiskali inkwistjoni kienu inkompatibbli mas-suq intern, ħlief sa fejn l-għajnuna kienet tikkorrispondi għal remunerazzjoni konformi mas-suq għall-intermedjazzjoni ta' investituri finanzjarji u sa fejn hija kienet ġiet allokata għal kumpaniji tat-tbaħħir li setgħu jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-linji gwida marittimi. Hija ddeċidiet li r-Renju ta' Spanja kellu jtemm din l-iskema ta' għajnuna sa fejn hija inkompatibbli mas-suq intern u kellu jirkupra l-għajnuna inkompatibbli mill-investituri tar-RIE li bbenefikaw minnha, mingħajr ma dawn il-benefiċjarji jkollhom il-possibbiltà li jittrasferixxu l-ispiża tal-irkupru lil persuni oħra. Madankollu, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma għandu jkun hemm l-ebda rkupru tal-għajnuna mogħtija fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' finanzjament li għalihom l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kienu impenjaw ruħhom li jagħtu l-benefiċċju tal-miżuri permezz ta' att legalment vinkolanti adottat qabel it-30 ta' April 2007, li hija d-data tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/256/KE, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar l-iskema ta' għajnuna implimentata minn Franza skont l-Artikolu 39 CA tal-kodiċi ġenerali tat-taxxa – Għajnuna mill-Istat C 46/04 (ex NN 65/04) (ĠU 2007, L 112, p. 41).

## Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

11 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-25 ta' Settembru u fit-30 ta' Diċembru 2013, ir-Renju ta' Spanja, minn naħa, kif ukoll Lico Leasing SA u Pequeños y Medianos Astilleros Sociedad de Reconversión SA (iktar 'il quddiem "PYMAR"), min-naħa l-oħra, ippreżentaw rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża. Iż-żewġ kawżi ngħaqdu għall-finijiet tas-sentenza.

12 Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kontenzjuża u kkundannat lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

## Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

13 Permezz ta' digrieti tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2016, Bankia SA u 32 entità oħra (iktar 'il quddiem "Bankia *et*") kif ukoll Aluminios Cortizo SAU ġew ammessi sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet ta' Lico Leasing u ta' PYMAR.

14 Permezz tal-appell tagħha, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali u tikkundanna lir-rikorrenti fl-ewwel istanza għall-ispejjeż.

15 Ir-Renju ta' Spanja jitlob li l-appell jiġi miċħud, bħala infondat, u li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

16 Lico Leasing u PYMAR jitolbu li l-appell jiġi miċħud bħala inammissibbli u, sussidjarjament, infondat, u jitolbu li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

17 Bankia *et* u Aluminios Cortizo jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara l-appell infondat u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

## Fuq l-appell

### *Fuq l-ammissibbiltà*

18 Lico Leasing u PYMAR jesprimu dubji dwar l-ammissibbiltà tal-appell li, fil-fehma tagħhom, huwa bbażat fuq allegazzjonijiet ġodda dwar l-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni, bħal dawk li jipprovdu li r-RIE u l-investituri kienu jifformaw unità ekonomika, li huma intiżi li jirrimedjaw l-inkoerenzi tad-deċiżjoni kontenzjuża.

19 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li dawn id-dubji ma jirrigwardawx aspett tal-appell li, bħala tali, jaffettwa l-ammissibbiltà tiegħu u li l-inammissibbiltà tal-allegazzjonijiet inkwistjoni, jekk jiġi preżunt li hija stabbilita, tista' taffettwa biss ċerti argumenti mressqa mill-Kummissjoni insostenn tal-appell tagħha, relatati mal-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni. Għaldaqstant, l-ammissibbiltà tal-imsemmija allegazzjonijiet ser tiġi evalwata f'din is-sentenza fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju.

20 Minn dan isegwi li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma minn Lico Leasing u PYMAR għandha tiġi miċħuda.

### *Fuq l-ewwel aggravju*

21 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, il-Kummissjoni tinvoka żbalji ta' liġi allegatament imwettqa fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE, għal dak li jirrigwarda l-kunċetti ta' "impriża" u ta' "vantaġġ selettiv".

*Fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju*

22 Fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tagħha, il-Kummissjoni ssostni, qabelxejn, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-għajnuna u għal dak li jirrigwarda l-kunċetti ta' "impriża", ta' "vantaġġ" u ta' "miżura selettiva". Sussegwentement, hija tilmenta li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 296 TFUE meta qieset li d-deċiżjoni kontenzjuża kienet ivvizzjata f'dan ir-rigward b'nuqqas ta' motivazzjoni, jew saħansitra b'kontradizzjoni ta' motivi. Dan it-tieni lment ser jiġi eżaminat flimkien mat-tieni aggravju tal-appell.

– *L-argumenti tal-partijiet*

23 Insostenn tal-ewwel ilment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tagħha, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi wettqet evalwazzjoni artifiċjali tas-sitwazzjoni li ġiet ippreżentata lilha u billi ma għamlitx distinzjoni bejn il-kunċett ekonomiku ta' "impriża" u l-kunċett ta' "persuna taxxabbli". Fil-punti 116 sa 118 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat li, minħabba t-trasparenza fiskali tar-RIE, il-vantaġġi fiskali mogħtija lil dawn tal-aħħar setgħu jkunu ta' benefiċċju biss għall-membri tagħhom. Kien fuq din il-kunsiderazzjoni żbaljata, li tiċħad l-eżistenza tar-RIE, il-kapaċità tagħhom li jibbenefikaw minn kwalunkwe għajnuna ta' natura fiskali u l-fatt li huma kienu jeżerċitaw attività ekonomika f'settur speċifiku, li l-Qorti Ġenerali bbażat sussegwentement s-sentenza appellata kollha u ddikjarat li l-miżuri fiskali inkwistjoni kienu ta' natura ġenerali u mhux selettiva, peress li l-membri tar-RIE setgħu jappartjenu għal kwalunkwe settur tal-ekonomija. Il-konsegwenza ta' dan ir-raġunament hija li kull impriża organizzata fil-forma legali ta' RIE tista' tibbenefika minn vantaġġi fiskali mingħajr ma dawn tal-aħħar jistgħu qatt jiġu kklassifikati bħala "għajnuna mill-Istat".

24 Skont il-Kummissjoni, il-fatt li kull persuna tista', bħala prinċipju, tkun membru ta' RIE ma jfissirx li miżura li tikkostitwixxi manifestament deroga mill-kuntest ta' riferiment u li tingħata biss lil impriżi attivi f'settur ta' attività partikolari tinbidel f'miżura ġenerali. F'dan il-każ, l-attività tar-RIE hija limitata għal settur ta' attività, jiġifieri l-finanzjament tax-xiri ta' bastimenti permezz ta' kuntratti ta' lokazzjoni, in-noleġġ tagħhom mingħajr ekwipaġġ u l-bejgħ mill-ġdid sussegwenti tagħhom, u l-benefiċjarji tal-vantaġġi eżaminati fid-deċiżjoni kontenzjuża huma r-RIE u l-membri tagħhom ikkunsidrati flimkien jew, fi kliem ieħor, l-entità unika komposta minn kull RIE u mill-membri tiegħu.

25 Ir-Renju ta' Spanja jqis li, kuntrarjament għall-affermazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ma interpretatx, fis-sentenza appellata, il-kunċett ta' "impriża" jew dak ta' "persuna taxxabbli". L-appell jipprova jattribwixxi lir-RIE ir-rwol ta' impriżi li jeżerċitaw attività speċifika, filwaqt li dan ir-rwol ma ġiex eżaminat fid-deċiżjoni kontenzjuża, u ma jagħtix importanza lill-fatt li t-trasparenza fiskali kienet timplika t-trasferiment ta' vantaġġi fiskali lill-membri tar-RIE, b'tali mod li dawn il-membri kienu b'hekk isiru l-uniċi destinatarji tal-miżuri fiskali inkwistjoni, kif turi d-deċiżjoni kontenzjuża nnifisha. Fl-aħħar mill-aħħar, billi jammettu li r-RIE huwa strument awżiljarju fl-attività tal-membri tagħha, li huwa l-benefiċjarju inizjali tal-vantaġġi fiskali u li huwa jgħaddi dawn il-vantaġġi lill-membri tiegħu li jsiru l-benefiċjarji finali, li minnhom il-Kummissjoni qiegħda tordna l-irkupru tal-għajnuna, l-argumenti tal-Kummissjoni jwasslu għall-istess konklużjonijiet li waslet għalihom il-Qorti Ġenerali.

26 Lico Leasing u PYMAR jsostnu li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball għal dak li jirrigwarda l-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni, li tikkostitwixxi kwistjoni ta' fatt u mhux ta' dritt. Barra minn hekk, huwa inkontestabbli li r-RIE ma jistgħux jitqiesu li huma l-benefiċjarji tal-vantaġġi fiskali li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni. Il-fatt li miżura tiġi applikata mir-RIE li jwettqu ċertu tip ta' operazzjonijiet ekonomiċi ma jimplikax li din il-miżura għandha natura selettiva, peress li s-selettività ta' vantaġġ, bħall-kundizzjonijiet l-oħra kollha tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat, għandha tiġi eżaminata fir-rigward tal-operaturi li fil-konfront tagħhom jimmaterjalizza ruħu l-vantaġġ ekonomiku. Għaldaqstant, f'dan il-każ, kien fil-fatt fir-rigward tal-investituri li kellha tiġi eżaminata l-kundizzjoni dwar is-selettività, li wasslet għall-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' vantaġġi fiskali aċċessibbli għall-impriżi kollha.

27 Barra minn hekk, għalkemm ir-RIE tqiesu bħala l-benefiċjarji tal-imsemmija vantaġġi, ikun diffiċli li jiġi identifikat is-settur ta' attività ekonomika affettwat. Fil-fatt, is-suq tal-finanzjament, tan-noleġġ u tal-bejgħ ta' bastimenti speċifiku għar-RIE ma jeżistix, peress li r-RIE li jipparteċipaw fis-SSTL kienu sempliċi strumenti finanzjarji.

28 L-argument tal-Kummissjoni li jgħid li r-RIE u l-investituri kienu jikkostitwixxu unità ekonomika, minbarra l-fatt li tressaq għall-ewwel darba fis-seduta quddiem il-Qorti Ġenerali u li kien jimplika l-eżami ta' kwistjoni ta' fatt, iwassal għall-iżnaturament tal-kunċett ta' "unità ekonomika", li jippresupponi l-eżistenza ta' kontroll ta' entità fuq kumpannija u l-possibbiltà ta' intervent effettiv, direttament jew indirettament, fil-ġestjoni ta' din tal-aħħar.

29 Bankia *et* isostnu, essenzjalment, li l-argument tal-Kummissjoni li jgħid li r-RIE huma l-benefiċjarji tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni huwa tardiv u għaldaqstant inammissibbli. Permezz ta' dan l-argument, il-Kummissjoni qiegħda tipprova tistabbilixxi s-selettività ta' dawn il-miżuri billi tattribwixxi lir-RIE l-istatus ta' benefiċjarji kif ukoll attività settorjali, filwaqt li, minn naħa, ir-RIE la ma jirċievu u lanqas ma jittrasferixxu vantaġġ fiskali, peress li l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri tiġġenera biss telf għalihom, u, min-naħa l-oħra, is-settur ekonomiku li fih huma joperaw ma huwiex identifikat.

30 Aluminios Cortizo tqis ukoll li r-RIE huwa biss sempliċi mekkaniżmu finanzjarju li ma jistax ikollu l-istatus ta' benefiċjarju ta' għajnuna u li, peress li kull impriża tista' tkun membru ta' RIE, il-kundizzjoni dwar is-selettività ma hijiex issodisfatta fir-rigward tal-investituri. Dawn tal-aħħar ma jifformawx grupp ekonomiku, peress li huma marbuta bejniethom permezz ta' sempliċi kuntratt ta' assoċjazzjoni għall-bini ta' oġġett speċifiku, u lanqas ma teżisti attività ta' bejgħ-xiri jew ta' lokazzjoni li tikkostitwixxi suq, peress li l-operazzjonijiet imwettqa fil-kuntest tas-SSTL jirriżultaw mis-sempliċi eżekuzzjoni ta' obbligi kuntrattwali. Is-selettività invokata tista' tiġi evalwata biss fis-suq tal-bini tal-bastimenti, li madankollu ġie eskluż mill-Kummissjoni.

*– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

31 Peress li Lico Leasing u PYMAR jikkontestaw l-ammissibbiltà tal-ewwel ilment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-Kummissjoni bbażat fuq żball ta' liġi fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni għar-raġuni li din hija kwistjoni ta' fatt, għandu jitfakkar li, ċertament, l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ tal-iżnaturament ta' dawn il-fatti u ta' dawn il-provi, kwistjoni ta' dritt suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell. Madankollu, ladarba l-Qorti Ġenerali tkun ikkonstatat jew evalwat il-fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni li teżerċita, skont l-Artikolu 256 TFUE, stħarriġ fuq il-klassifikazzjoni ġuridika tagħhom u l-konsegwenzi ta' dritt li jkunu tnisslu minnhom (sentenzi tas-6 ta' April 2006, General Motors vs Il-Kummissjoni, C-551/03 P, EU:C:2006:229, punt 51; tat-22 ta' Diċembru 2008, British Aggregates vs Il-Kummissjoni, C-487/06 P, EU:C:2008:757, punt 96, kif ukoll tal-20 ta' Diċembru 2017, Comunidad Autónoma del País Vasco *et* vs Il-Kummissjoni, C-66/16 P sa C-69/16 P, EU:C:2017:999, punt 97).

32 Issa, permezz ta' dan l-ilment, il-Kummissjoni ma tikkontestax il-fatti li fuqhom il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha, iżda l-konsegwenzi li hija siltet minnhom, b'mod partikolari dawk ibbażati fuq it-trasparenza fiskali tar-RIE, sabiex tqis li l-investituri, membri tar-RIE, u mhux ir-RIE, kienu l-benefiċjarji tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni. B'hekk, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tikseb stħarriġ tal-klassifikazzjoni ġuridika mwettqa mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-benefiċjarji ta' dawn il-vantaġġi, li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell. Għaldaqstant, l-imsemmi ilment huwa ammissibbli.

33 Għal dak li jirrigwarda l-argument tal-Kummissjoni li jgħid li r-RIE u l-membri tagħhom jifformaw unità ekonomika u huma l-benefiċjarji tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni, u li t-tardività tiegħu qiegħda tiġi allegata minn Lico Leasing u PYMAR kif ukoll minn Bankia *et*, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument tressaq quddiem il-Qorti Ġenerali, hekk kif jirriżulta mill-punti 167 u 168 tas-sentenza appellata. Konsegwentement, l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà kontra l-imsemmi argument ma humiex fondati.

34 Fuq il-mertu, għandu jitfakkar li d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u, b'mod partikolari, il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 107(1) TFUE jikkonċernaw l-attivitajiet tal-impriżi. Il-kunċett ta' "impriża" jinkludi, f'dan il-kuntest, kull entità li teżerċita attività ekonomika, indipendentement mill-istatus ġuridiku ta' din l-entità u mill-metodu ta' finanzjament tagħha. Kull attività li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti jew ta' servizzi f'suq partikolari tikkostitwixxi attività ekonomika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania, C-74/16, EU:C:2017:496, punti 39, 41 u 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

35 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-klassifikazzjoni ta' miżura nazzjonali bħala "għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, teħtieġ li l-kundizzjonijiet segwenti kollha jkunu ssodisfatti. L-ewwel nett, għandu jkun hemm intervent tal-Istat jew permezz tar-riżorsi tal-Istat. It-tieni nett, dan l-intervent għandu jkun jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. It-tielet nett, huwa għandu jagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju tiegħu. Ir-raba' nett, huwa għandu jikkawża distorsjoni jew jhedded li jikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni (sentenzi tal-10 ta' Ġunju 2010, Fallimento Traghetti del Mediterraneo, C-140/09, EU:C:2010:335, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata; tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck, C-524/14 P, EU:C:2016:971, punt 40, kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 53).

36 Għal dak li jirrigwarda l-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv, skont ġurisprudenza stabbilita, jitqiesu li huma għajnuna mill-Istat l-interventi li, taħt kwalunkwe forma, jistgħu jiffavorixxu direttament jew indirettament l-impriżi, jew li għandhom jitqiesu li huma vantaġġi ekonomiċi li l-impriża benefiċjarja ma kinitx tikseb f'kundizzjonijiet normali tas-suq. Għaldaqstant, jitqiesu b'mod partikolari li huma għajnuna l-interventi li, taħt forom differenti, inaqqsu l-baġit tal-impriża u li, għaldaqstant, mingħajr ma jkunu sussidji fis-sens strett tal-kelma, huma tal-istess natura u għandhom effetti identiċi (sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania, C-74/16, EU:C:2017:496, punti 65 u 66 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). L-Artikolu 107(1) TFUE ma jagħmilx distinzjoni skont il-kawżi u l-għanijiet tal-interventi statali, iżda jiddefinixxihom skont l-effetti tagħhom, u għalhekk indipendentement mit-tekniki użati (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit, C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punti 87, 92 u 93, kif ukoll tat-28 ta' Ġunju 2018, Andres (falliment Heitkamp BauHolding) vs Il-Kummissjoni, C-203/16 P, EU:C:2018:505, punt 91).

37 Għal dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, miżuri nazzjonali li jagħtu vantaġġ fiskali, għandu jitfakkar li miżura ta' din in-natura li, minkejja li ma fiha ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, tqiegħed lill-benefiċjarji f'sitwazzjoni iktar favorevoli mill-persuni taxxabbli l-oħra tista' tagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarji u tikkostitwixxi, għaldaqstant, għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Għall-kuntrarju, ma jikkostitwixxix tali għajnuna, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, vantaġġ fiskali li jirriżulta minn miżura ġenerali applikabbli mingħajr distinzjoni għall-operaturi ekonomiċi kollha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit, C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punti 72 u 73 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata; ara, ukoll, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 56, kif ukoll tat-28 ta' Ġunju 2018, Andres (falliment Heitkamp BauHolding) vs Il-Kummissjoni, C-203/16 P, EU:C:2018:505, punt 85). Bl-istess mod, il-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" ma jirreferix għall-miżuri statali li jintroduċu differenzazzjoni bejn l-impriżi u, għaldaqstant, *a priori* selettivi, meta din id-differenzazzjoni tirriżulta min-natura jew mill-istruttura tas-sistema li jagħmlu parti minnha (sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck, C-524/14 P, EU:C:2016:971, punt 41, u tat-28 ta' Ġunju 2018, Andres (falliment Heitkamp BauHolding) vs Il-Kummissjoni, C-203/16 P, EU:C:2018:505, punt 87).

38 F'dan il-każ, sabiex jintlaqa' l-aggravju, imqajjem mir-Renju ta' Spanja, minn Lico Leasing u minn PYMAR, li jgħid li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 107(1) TFUE sa fejn il-kundizzjonijiet dwar is-selettività, ir-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ ma humiex issodisfatti, peress li dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti, skont dawn, biss fir-rigward tal-vantaġġi

rċevuti mill-investituri, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 116 tas-sentenza appellata, ikkonstatat li, għalkemm ir-RIE kienu bbenefikaw mit-tliet miżuri fiskali msemmija fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kontenzjuża, kienu l-membri tar-RIE li kienu bbenefikaw mill-vantaġġi ekonomiċi li rriżultaw minn dawn it-tliet miżuri minħabba t-trasparenza fiskali tar-RIE u li kienu barra minn hekk ikkonċernati mill-ordni ta' rkupru imposta fl-Artikolu 4(1) ta' din id-deċiżjoni. Fil-punt 117 ta' din is-sentenza, hija ddeċidiet li, fl-assenza ta' vantaġġ ekonomiku favur ir-RIE, il-Kummissjoni kienet żbaljat meta qieset li dawn kienu bbenefikaw minn għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Għaldaqstant, fil-punt 118 tal-imsemmija sentenza, hija kkonkludiet li, "[s]a fejn huma l-investituri u mhux ir-RIE li bbenefikaw mill-vantaġġi fiskali u ekonomiċi li jirriżultaw mill-SSTL, għandu jiġi eżaminat [...] jekk il-vantaġġi li l-investituri rċevew humiex ta' natura selettiva, jekk dawn jirriskjawx li jikkawżaw distorsjoni tal-kompetizzjoni, jekk jaffettwawx il-kummerċ bejn l-Istati Membri u jekk id-deċiżjoni kkontestata hijiex suffiċjentement motivata fir-rigward tal-analiżi ta' dawn il-kriterji".

39 Wara li fakkret, fil-punt 164 tas-sentenza appellata, li l-analiżi tas-selettività tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni imwettqa fid-deċiżjoni kontenzjuża kienet ibbażata wkoll fuq il-konstatazzjoni li tgħid li s-SSTL kienet tiffavorixxi ċerti attivitajiet, jiġifieri x-xiri ta' bastimenti permezz ta' kuntratti ta' lokazzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tan-noleġġ tagħhom mingħajr ekwipaġġ u tal-bejgħ mill-ġdid sussegwenti tagħhom, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punti 171 u 176 ta' din is-sentenza, li din il-konstatazzjoni kienet tirrigwarda l-attivitajiet eżerċitati mir-RIE stabbiliti għall-finijiet tas-SSTL, iżda ma kinitx tikkonċerna l-attivitajiet industrijali jew ekonomiċi tal-membri tar-RIE, li jiksbu ishma f'dawn tal-aħħar bħala investituri. Minn dan hija kkonkludiet, fil-punti 176 u 180 tal-imsemmija sentenza, li s-selettività tal-miżuri fiskali inkwistjoni ma setgħetx tiġi stabbilita abbażi ta' din il-konstatazzjoni.

40 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li, mingħajr la ma kkontestat id-deskrizzjoni li l-Kummissjoni tat tas-SSTL fid-deċiżjoni kontenzjuża, li hija inkluża fis-sentenza appellata u miġbura fil-qosor fil-punti 4 sa 9 ta' din is-sentenza, u lanqas, b'mod partikolari, il-konstatazzjonijiet li jgħidu li l-miżuri fiskali inkwistjoni kienu ingħataw lir-RIE u kienu ffavorixxew l-attivitajiet eżerċitati minnhom, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li r-RIE ma setgħux ikunu l-benefiċjarji ta' għajnuna mill-Istat għar-raġuni biss li, minħabba t-trasparenza fiskali ta' dawn ir-raggruppamenti, kienu l-investituri u mhux ir-RIE li kienu bbenefikaw mill-vantaġġi fiskali u ekonomiċi li jirriżultaw minn dawn il-miżuri.

41 Issa, minbarra li tikkontradixxi l-konstatazzjoni, magħmula fil-punt 116 tas-sentenza appellata, li tgħid li r-RIE kienu bbenefikaw mit-tliet miżuri fiskali msemmija fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kontenzjuża, din il-konklużjoni tirriżulta minn applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 107(1) TFUE.

42 Fil-fatt, skont id-deskrizzjoni tas-SSTL, ir-RIE kienu jeżerċitaw attività ekonomika, jiġifieri x-xiri ta' bastimenti permezz ta' kuntratti ta' lokazzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tan-noleġġ tagħhom mingħajr ekwipaġġ u tal-bejgħ mill-ġdid sussegwenti tagħhom, bir-riżultat li dawn kienu jikkostitwixxu impriżi fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE u tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 34 ta' din is-sentenza, kif il-Kummissjoni rrilevat fil-premessa 126 tad-deċiżjoni kontenzjuża.

43 Huma r-RIE li, minn naħa, kienu talbu mill-awtorità tat-taxxa, skont l-Artikolu 115(11) tat-TRLIS, il-benefiċċju tad-deprezzament antiċipat ta' assi mogħtija b'lokazzjoni u ngħataw tali benefiċċju u, min-naħa l-oħra, li kienu rrinunzjaw għas-sistema regolari tat-taxxa fuq il-kumpanniji u għażlu s-sistema ta' tassazzjoni skont it-tunnellaġġ, kif applikata bis-saħħa tal-Artikolu 50(3) tar-RIS. Huma wkoll ir-RIE li kienu jiġbru il-vantaġġi fiskali f'żewġ stadji, kif espost fil-punt 9 ta' din is-sentenza, permezz ta' numru mill-miżuri fiskali inkwistjoni.

44 Il-vantaġġi ekonomiċi li jirriżultaw minnhom kienu jikkorrispondu, skont il-fatti kkonstatati fil-punt 5.3.2.6 tad-deċiżjoni kontenzjuża, għall-vantaġġi li r-RIE ma kinux jiksbu mill-istess operazzjoni li kieku kienu applikaw biss il-miżuri ġenerali, jiġifieri l-interessi mfaddla fuq l-ammonti tal-ħlasijiet tat-taxxi posposti bis-saħħa tad-deprezzament antiċipat, l-ammont tat-taxxi evitati jew tal-interessi mfaddla fuq it-taxxi posposti skont is-sistema ta' tassazzjoni skont it-tunnellaġġ u

l-ammont tat-taxxi evitati fuq il-qligħ kapitali li sar fil-mument tal-bejgħ tal-bastiment. Is-SSTL kienet timplika għalhekk l-użu ta' riżorsi pubbliċi fil-forma ta' telf ta' dħul fiskali u ta' interessi mhux miġbura, kif ġie kkonstatat fil-punt 5.3.3 ta' din id-deċiżjoni.

45 Huwa minnu li dawn il-vantaġġi kienu ġew ittrasferiti kompletament lill-membri tar-RIE peress li, billi r-RIE huma fiskalment trasparenti għal dak li jirrigwarda l-membri li jirrisjedu fi Spanja, il-profitti jew it-telf irreġistrat mir-RIE kienu ġew ittrasferiti awtomatikament lill-membri tagħhom li jirrisjedu f'dan l-Istat Membru fuq bażi *prorata* skont is-sehem tagħhom. Jibqa' l-fatt, madankollu, li kien fil-konfront tar-RIE li kienu ġew applikati l-miżuri fiskali inkwistjoni u li dawn kienu l-benefiċjarji diretti tal-vantaġġi li jirriżultaw minnhom. Dawn il-vantaġġi, skont il-premessa 157 tad-deċiżjoni kontenzjuża, jiffavorixxu l-attività ta' xiri ta' bastimenti permezz ta' kuntratti ta' lokazzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tan-noleġġ tagħhom mingħajr ekwipaġġ u tal-bejgħ mill-ġdid sussegwenti tagħhom, eżerċitata minnhom.

46 Minn dan jirriżulta li l-miżuri fiskali inkwistjoni kienu, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 35 sa 37 ta' din is-sentenza, ta' natura li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat favur ir-RIE u li, għaldaqstant, billi ma rrikonoxxietx lil dawn ir-RIE l-istatus ta' benefiċjarji ta' dawn il-miżuri għar-raġuni li dawn l-entitajiet kienu fiskalment trasparenti, il-Qorti Ġenerali eskludiet li dawn jistgħu jkunu l-benefiċjarji ta' għajnuna mill-Istat sempliċiment minħabba l-forma legali tagħha u r-regoli dwar it-tassazzjoni tal-profitti li jirriżultaw minnha. Madankollu, tali esklużjoni tmur kontra l-ġurisprudenza esposta fil-punti 34 u 36 ta' din is-sentenza li minnha jirriżulta li l-klassifikazzjoni ta' miżura bħala "għajnuna mill-Istat" ma tistax tiddependi mill-istatus ġuridiku tal-impriżi kkonċernati u lanqas mit-tekniki użati.

47 Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tordna l-irkupru tal-għajnuna inkompatibbli unikament mingħand l-investituri tar-RIE hija irrilevanti għal din il-konklużjoni, liema deċiżjoni ma hijiex suġġetta, għal dak li jirrigwarda l-legalità tagħha, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' dan l-appell.

48 Minn dan isegwi li l-ewwel ilment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju huwa fondat.

*Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju*

*– L-argumenti tal-partijiet*

49 Fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, il-Kummissjoni tilmenta li, fil-punti 157 sa 163 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-analiżi tal-vantaġġ selettiv li jirriżulta minn setgħa diskrezzjonali tal-awtorità tat-taxxa. Din il-qorti bbażat ir-raġunament tagħha fuq il-premessa żbaljata li r-RIE ma setgħux jibbenefikaw minn vantaġġ fiskali u injorat il-ġurisprudenza stabbilita li tgħid li miżura li jkollha natura apparentament ġenerali ssir selettiva meta l-vantaġġ jingħata permezz ta' proċedura diskrezzjonali.

50 Barra minn hekk, filwaqt li hija s-setgħa diskrezzjonali, fiha innifisha, li tippermetti li ċerti impriżi jitqiegħdu f'sitwazzjoni iktar favorevoli minn dik ta' impriżi oħra, il-Qorti Ġenerali wettqet evalwazzjoni *ex post* u b'hekk ma għamlitx distinzjoni bejn is-selettività bbażata fuq il-kriterju tal-ġestjoni diskrezzjonali u s-selettività *de facto*, li tiddependi minn eżami tal-aġir konkret tal-awtorità li tagħti l-vantaġġ. Barra minn hekk, l-awtorizzazzjonijiet amministrattivi li jippermettu l-applikazzjoni ta' deprezzament antiċipat u s-sistema ta' tassazzjoni skont it-tunnellaġġ kienu ngħataw biss lir-RIE li jeżerċitaw l-attività ta' finanzjament u ta' noleġġ mingħajr ekwipaġġ ta' bastimenti, liema fatt qegħidhom f'sitwazzjoni iktar favorevoli minn dik ta' impriżi oħra.

51 Ir-Renju ta' Spanja jsostni li l-Qorti Ġenerali rrilevat li l-eżistenza ta' setgħa diskrezzjonali tal-awtorità tat-taxxa ma kinitx ġiet stabbilita u li din hija konstatazzjoni fattwali li ma tistax tiġi suġġetta għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, kif il-Qorti Ġenerali kkonstatat ukoll, din is-setgħa kienet limitata ħafna peress li kienet tikkonsisti fid-determinazzjoni mhux tal-benefiċjarji,

iżda biss tat-tip ta' oġġetti li setgħu jibbenefikaw mid-deprezzament antiċipat. Għaldaqstant, ma hijiex issodisfatta l-kundizzjoni, li tirriżulta mill-ġurisprudenza, li tgħid li għandu jkun hemm, sabiex tiġi kkaratterizzata s-selettività tal-vantaġġ inkwistjoni, setgħa diskrezzjonali estiża li tippermetti d-determinazzjoni tal-benefiċjarji u tal-kundizzjonijiet tal-miżura mogħtija abbażi ta' kriterji li ma jagħmlux parti mis-sistema fiskali. Barra minn hekk, kuntrarjament għall-affermazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx s-selettività tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni b'mod *ex post* minflok ma bbażat ruħha fuq il-kriterju tal-ġestjoni diskrezzjonali tal-għajnuna.

52 Lico Leasing u PYMAR iqisu wkoll li l-kunsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata dwar in-natura diskrezzjonali tas-setgħa tal-awtorità tat-taxxa fil-mekkaniżmu tas-SSTL jikkostitwixxu evalwazzjoni tal-fatti. Barra minn hekk, huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet evalwazzjoni eżatta tas-selettività tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni, billi eskludiet kemm l-eżistenza ta' selettività bbażata fuq setgħa diskrezzjonali tal-awtorità tat-taxxa kif ukoll dik ta' selettività *de facto*.

53 Bl-istess mod, Bankia *et* isostnu li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonstatat l-assenza ta' selettività *de jure* u *de facto*. Fil-fehma tagħhom, anki jekk jiġi preżunt li kienet teżisti selettività settorjali fil-qasam marittimu jew tal-bini tal-bastimenti, din is-selettività ma kinitx tikkonċerna lill-investituri li madankollu huma identifikati bħala l-benefiċjarji finali u uniċi tal-miżuri fiskali inkwistjoni.

54 Aluminios Cortizo tikkondividi l-argumenti mressqa mir-Renju ta' Spanja, minn Lico Leasing, minn PYMAR u minn Bankia *et*.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

55 Għandu jitfakkar li ma huwiex neċessarju, sabiex tiġi stabbilita n-natura selettiva ta' vantaġġ fiskali, li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkollhom is-setgħa diskrezzjonali li jagħtuhom il-benefiċċju. Madankollu, l-eżistenza ta' tali setgħa tista' tkun ta' natura li tippermetti lil dawn l-awtoritajiet jiffavorixxu ċerti impriżi jew ċerti produtturi għad-detriment ta' oħrajn u għalhekk li tistabbilixxi l-eżistenza ta' għajnuna, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-501/00, EU:C:2004:438, punt 121). Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, jekk l-awtoritajiet kompetenti jkollhom setgħa diskrezzjonali sabiex jiddeterminaw il-benefiċjarji u l-kundizzjonijiet tal-miżura mogħtija abbażi ta' kriterji li ma jagħmlux parti mis-sistema fiskali. Min-naħa l-oħra, bħala prinċipju ma tistax titqies bħala selettiva l-applikazzjoni ta' sistema ta' awtorizzazzjoni li fiha l-awtoritajiet kompetenti jkollhom biss setgħa diskrezzjonali limitata permezz ta' kriterji oġġettivi li jagħmlu parti mis-sistema fiskali stabbilita mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, P, C-6/12, EU:C:2013:525, punti 26 u 27).

56 F'dan il-każ, sabiex tiddeċiedi li l-Kummissjoni kienet qieset b'mod żbaljat, fil-premessa 156 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li l-vantaġġi li jirriżultaw mis-SSTL fl-intier tagħha kienu selettivi minħabba li kienu jiddependu mis-setgħat diskrezzjonali mogħtija lill-awtorità tat-taxxa, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 158 tas-sentenza appellata, ikkonstatat li, minkejja l-eżistenza ta' sistema ta' awtorizzazzjoni li kienet allegatament tinvolvi elementi diskrezzjonali, dawn il-vantaġġi kienu baqgħu disponibbli taħt l-istess kundizzjonijiet għal kull investitur li kien jiddeċiedi li jipparteċipa fl-operazzjonijiet SSTL maħsuba biex jiffinanzjaw bastimenti permezz tax-xiri ta' ishma f'RIE stabbiliti mill-banek.

57 Wara li rrilevat, fil-punt 159 ta' dik is-sentenza, li l-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni tad-deprezzament antiċipat kienu jirrigwardaw, *de jure*, biss il-karatteristiċi tal-assi li setgħu jiġu ddeprezzati b'mod antiċipat, li l-Kummissjoni kienet indikat, fid-deċiżjoni kontenzjuża, li l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali kien wassal sabiex l-awtorità tat-taxxa taċċetta biss id-deprezzament antiċipat fir-rigward ta' kategorija partikolari ta' assi u li l-vantaġġi inkwistjoni ma kienu ġew miċħuda lill ebda operazzjoni SSTL, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 160 u 162 tas-sentenza appellata, qieset li, jekk tiġi

preżunta stabbilita, din is-setgħa diskrezzjonali wasslet biss sabiex, *de jure* u *de facto*, tiġi ddefinita t-tip ta' operazzjoni li tista' tibbenefika mill-vantaġġi fiskali inkwistjoni, jiġifieri l-operazzjonijiet SSTL maħsuba sabiex jiffinanzjaw bastimenti, bl-esklużjoni ta' oġġetti oħra, u li xorta jibqa' l-fatt li l-possibbiltà ta' parteċipazzjoni f'dawn l-operazzjonijiet u ta' aċċess għall-vantaġġi inkwistjoni kienet disponibbli għal kull impriża. Hija kkonkludiet li l-eżistenza ta' sistema ta' awtorizzazzjoni ma tistax tagħti, f'dan il-każ, natura selettiva lill-vantaġġi li minnhom ibbenefikaw l-investituri.

58 Issa, għandu jiġi kkonstatat li dawn il-kunsiderazzjonijiet huma bbażati fuq il-premessa żbaljata li tgħid li l-investituri biss, u mhux ir-RIE, setgħu jitqiesu li huma l-benefiċjarji tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni u li kien għalhekk fir-rigward tal-investituri u mhux tar-RIE li l-kundizzjoni dwar is-selettività kellha tiġi eżaminata. Għalhekk, billi ma eżaminatx jekk is-sistema ta' awtorizzazzjoni tad-deprezzament antiċipat kif previst fl-Artikolu 48(4) u fl-Artikolu 115(11) tat-TRLIS kif ukoll fl-Artikolu 49 tar-RIS kinitx tagħti lill-awtorità tat-taxxa setgħa diskrezzjonali ta' natura li tiffavorixxi l-attivitajiet eżerċitati mir-RIE li jipparteċipaw fis-SSTL jew li għandha l-effett li tiffavorixxi tali attivitajiet, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

59 Għaldaqstant, it-tieni parti tal-ewwel aggravju għandha tintlaqa'.

*Fuq it-tielet parti tal-ewwel aggravju*

*– L-argumenti tal-partijiet*

60 Fil-kuntest tat-tielet parti tal-ewwel aggravju, il-Kummissjoni tilmenta li l-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti 139 sa 155 tas-sentenza appellata, billi bbażat ruħha fuq is-sentenzi tas-7 ta' Novembru 2014, Banco Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni (T-399/11, EU:T:2014:938), kif ukoll tas-7 ta' Novembru 2014, Autogrill España vs Il-Kummissjoni (T-219/10, EU:T:2014:939), li l-fatt li l-vantaġġi fiskali jingħataw minħabba investimenti f'assi speċifiċi bl-esklużjoni ta' assi oħra jew ta' tipi oħra ta' investiment ma jagħmilhomx selettivi fir-rigward tal-investituri, peress li l-operazzjoni hija miftuħa għal kull impriża. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja, billi annullat dawn is-sentenzi permezz tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981), ċaħdet dan l-argument. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet analiżi żbaljata tal-ġurisprudenza.

61 Skont ir-Renju ta' Spanja, il-Kummissjoni tonqos milli tippreċiża li l-Qorti Ġenerali, għalkemm ħadet inkunsiderazzjoni s-sentenzi tas-7 ta' Novembru 2014, Banco Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni (T-399/11, EU:T:2014:938), kif ukoll tas-7 ta' Novembru 2014, Autogrill España vs Il-Kummissjoni (T-219/10, EU:T:2014:939), indikat madankollu b'mod espliċitu li hija kienet qiegħda tiddeċiedi fil-kuntest tal-ġurisprudenza eżistenti u segwiet ġurisprudenza kkonsolidata fil-qasam fiskali. Minn din tal-aħħar jirriżulta li sistema fiskali ma tkunx selettiva meta tkun applikabbli għall-operaturi ekonomiċi kollha mingħajr ebda distinzjoni. F'dan il-każ, il-Kummissjoni la ma identifikat kategorija ta' impriżi li jibbenefikaw minn deroga u lanqas it-termini tal-paragun bejn dawn l-impriżi u dawk li ma jistgħux jibbenefikaw minnha.

62 Lico Leasing u PYMAR jsostnu li, peress li l-miżuri fiskali inkwistjoni ma humiex selettivi sa fejn kull impriża mingħajr distinzjoni setgħet tinvesti fir-RIE u tibbenefika mill-vantaġġi li jirriżultaw minn dawn l-investimenti, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball meta eskludiet għal din ir-raġuni n-natura selettiva tal-vantaġġi miksuba mill-investituri fil-kuntest tas-SSTL. Din l-evalwazzjoni ma titqiegħedx inkwistjoni mis-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981), għaliex fis-SSTL la ma teżisti deroga li tiffavorixxi ċerti persuni taxxabbli meta mqabbla ma' persuni taxxabbli oħra li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli fir-rigward tas-sistema fiskali ta' referenza u lanqas diskriminazzjoni bejn kategoriji differenti ta' investituri, peress li s-SSTL hija biss mezz ta' ottimizzazzjoni fiskali aċċessibbli għal kulħadd. Barra

minn hekk, id-deċiżjoni kontenzjuża ma fiha ebda motivazzjoni dwar l-elementi li huma neċessarji sabiex ikunu applikabbli l-kriterji stabbiliti f'dik is-sentenza, b'mod partikolari dawk li jippermettu li jiġi ddeterminat il-kuntest ta' riferiment.

63 Bankia *et* isostnu li mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Kummissjoni stess għamlet distinzjoni bejn din il-kawża u dik li tat lok għas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981), billi sostniet li l-vantaġġi li jirriżultaw mis-SSTL kienu ngħataw lil investituri mhux minħabba t-twettiq ta' investimenti sempliċi, iżda minħabba l-eżerċizzju ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi permezz tar-RIE. Fi kwalunkwe każ, għad-differenza ta' din l-aħħar kawża, il-miżuri fiskali inkwistjoni ma jiffavorixxux entitajiet li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli għal dik ta' entitajiet oħra, peress li l-Kummissjoni ma pproduċietx prova ta' dan u lanqas ma ddefinixxiet il-kuntest ta' riferiment.

*– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

64 Mill-punti 130 u 132 tas-sentenza appellata jirriżulta li, billi r-Renju ta' Spanja, Lico Leasing u PYMAR osservaw quddiem il-Qorti Ġenerali li l-possibbiltà ta' parteċipazzjoni fl-istrutturi tas-SSTL u, għaldaqstant, ta' kisba tal-vantaġġi li jirriżultaw minnha kienet disponibbli għal kull investitur li jopera f'kull settur tal-ekonomija, mingħajr ebda kundizzjoni minn qabel jew restrizzjoni, b'tali mod li l-vantaġġi rċevuti mill-investituri ma jistgħux jitqiesu li huma selettivi, b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenzi tas-7 ta' Novembru 2014, Banco Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni (T-399/11, EU:T:2014:938), kif ukoll tas-7 ta' Novembru 2014, Autogrill España vs Il-Kummissjoni (T-219/10, EU:T:2014:939), il-Kummissjoni sostniet li l-miżuri fiskali inkwistjoni kienu selettivi fir-rigward tal-investituri, għaliex kienu biss l-impriżi li kienu jwettqu dan it-tip partikolari ta' investiment permezz ta' RIE li kienu jibbenefikaw minnhom, filwaqt li l-impriżi li kienu jwettqu investimenti simili fil-kuntest ta' operazzjonijiet oħra ma setgħux jibbenefikaw minnhom.

65 Sabiex tiċħad dan l-argument tal-Kummissjoni fil-punt 144 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 139 sa 143 ta' dan tal-aħħar, rreferiet għas-sentenzi tas-7 ta' Novembru 2014, Banco Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni (T-399/11, EU:T:2014:938), kif ukoll tas-7 ta' Novembru 2014, Autogrill España vs Il-Kummissjoni (T-219/10, EU:T:2014:939), u, wara li rrilevat li, bħal fil-kawżi li taw lok għal dawn is-sentenzi, kull operatur seta' jibbenefika mill-vantaġġi fiskali inkwistjoni billi jwettaq ċertu tip ta' operazzjoni disponibbli, taħt l-istess kundizzjonijiet, għal kull impriża mingħajr distinzjoni, hija qieset li, bħal f'dawk il-kawżi, il-fatt li l-vantaġġi kienu jingħataw minħabba investiment f'assi speċifiċi bl-esklużjoni ta' assi oħra jew ta' tipi oħra ta' investimenti ma kienx jagħmilhom selettivi fir-rigward tal-investituri sa fejn l-operazzjoni kienet disponibbli għal kull impriża.

66 Billi analizzat sussegwentement, fil-punti 146 sa 154 tas-sentenza appellata, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-156/98, EU:C:2000:467), u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali, din tal-aħħar qieset, fil-punti 148 u 150 tas-sentenza appellata, li minnhom kien jirriżulta li, meta jingħata vantaġġ, taħt l-istess kundizzjonijiet, lil kull impriża minħabba t-twettiq ta' ċertu tip ta' investiment aċċessibbli għal kull operatur, dan il-vantaġġ jkun ta' natura ġenerali fir-rigward ta' dawn l-operaturi u ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat favur dawn tal-aħħar. Minn dan hija kkonkludiet, fil-punt 155 ta' dik is-sentenza, li l-vantaġġi rċevuti mill-investituri li pparteċipaw fl-operazzjonijiet SSTL ma setgħux jitqiesu bħala selettivi għaliex kienu biss l-impriżi li kienu jwettqu dan it-tip partikolari ta' investiment permezz ta' RIE li kienu jibbenefikaw minnhom.

67 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-analiżi tal-motiv imressaq bħala difiża mill-Kummissjoni fil-mori tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali hija bbażata, fis-sentenza appellata, fuq il-premessa żbaljata li tgħid li l-investituri biss, u mhux ir-RIE, setgħu jitqiesu li huma l-benefiċjarji tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni u li kien għalhekk fir-rigward tal-investituri u mhux tar-RIE li l-kundizzjoni dwar is-selettività kellha tiġi eżaminata.

68 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981), iddeċidiet li r-raġunament segwit fis-sentenzi tas-7 ta' Novembru 2014, Banco Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni (T-399/11, EU:T:2014:938), kif ukoll tas-7 ta' Novembru 2014, Autogrill España vs Il-Kummissjoni (T-219/10, EU:T:2014:939) kien ibbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-kundizzjoni ta' selettività prevista fl-Artikolu 107(1) TFUE, liema raġunament jgħid li l-eżistenza ta' deroga jew ta' eċċezzjoni għall-kuntest ta' riferiment identifikat mill-Kummissjoni ma tippermettix, fiha nnifisha, li jiġi stabbilit li l-miżura kontenzjuża tiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti produtturi", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, peress li din il-miżura hija aċċessibbli, *a priori*, għal kull impriża u ma hijiex intiża għal kategorija partikolari ta' impriżi, li kienu jkunu l-uniċi vvantaġġati mill-imsemmija miżura, iżda għal kategorija ta' operazzjonijiet ekonomiċi.

69 Fil-punt 67 tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981), il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt fakkret li, fir-rigward ta' miżura nazzjonali li tagħti vantaġġ fiskali ta' portata ġenerali, il-kundizzjoni dwar is-selettività hija ssodisfatta meta l-Kummissjoni tasal sabiex turi li din il-miżura tidderoga mis-sistema fiskali komuni jew "normali" applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat, u b'hekk, permezz tal-effetti konkreti tagħha, tintroduċi trattament differenzjat bejn operaturi, minkejja li l-operaturi li jibbenefikaw mill-vantaġġ fiskali u dawk li jiġu esklużi minnu jkunu jinsabu, fir-rigward tal-għan imfittex mill-imsemmija sistema fiskali ta' dan l-Istat Membru, f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli. Fil-punti 70 u 71 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li r-rekwiżit addizzjonali ta' identifikazzjoni ta' kategorija partikolari ta' impriżi, li huma l-uniċi vvantaġġati mill-miżura inkwistjoni u li jistgħu jiġu distinti minħabba proprjetajiet speċifiċi, komuni u proprji għalihom, ma jistax jiġi dedott mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

70 Barra minn hekk, fil-punti 80 u 81 tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li ċ-ċirkustanza li l-impriżi benefiċjarji jappartjenu għal setturi ta' attività diversi ma hijiex biżżejjed sabiex tqiegħed inkwistjoni n-natura selettiva tal-miżura kkonċernata u ddeċidiet li n-natura selettiva ta' din il-miżura bl-ebda mod ma kienet ikkontestata mill-fatt li l-kundizzjoni essenzjali għall-ksib tal-vantaġġ fiskali mogħti minn din il-miżura tkun tirrigwarda operazzjoni ekonomika, b'mod iktar partikolari operazzjoni purament finanzjarja, li hija indipendenti min-natura tal-attività tal-impriżi benefiċjarji.

71 Minn dan isegwi li, billi ddeċidiet, sabiex tiċħad il-motiv invokat bħala difiża mill-Kummissjoni, li l-vantaġġi rċevuti mill-investituri li pparteċipaw fl-operazzjonijiet SSTL ma setgħux jitqiesu li huma selettivi peress li dawn l-operazzjonijiet kienu disponibbli, taħt l-istess kundizzjonijiet, għal kull impriża mingħajr distinzjoni, mingħajr ma eżaminat jekk il-Kummissjoni kinitx stabbilixxiet li l-miżuri fiskali inkwistjoni kienu introduċew, permezz tal-effetti konkreti tagħhom, trattament iddifferenzjat bejn operaturi, minkejja li l-operaturi li kienu bbenefikaw mill-vantaġġi fiskali u dawk li ġew esklużi kienu jinsabu, fid-dawl tal-għan imfittex mill-imsemmija sistema, f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

72 Għaldaqstant, it-tielet parti tal-ewwel motiv għandha tintlaqa'.

### *Fuq it-tieni lment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju u fuq it-tieni aggravju*

*L-argumenti tal-partijiet*

73 Insostenn tat-tieni lment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret, fil-punti 169 sa 177 tas-sentenza appellata, l-Artikolu 296 TFUE meta qieset li d-deċiżjoni kontenzjuża kienet ivvizzjata b'nuqqas ta' motivazzjoni jew b'kontradizzjoni ta' motivi. Fil-fatt, l-idea

ta' unità ekonomika magħmula mir-RIE u mill-membri tiegħu hija preżenti f'kull parti tad-deċiżjoni kontenzjuża u r-raġunament segwit fiha dwar is-selettività tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni huwa bbażat fuq il-kunċett ta' "impriża", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Filwaqt li l-Qorti Ġenerali aċċettat li din id-deċiżjoni kienet ikkaratterizzat is-selettività tal-miżuri fiskali inkwistjoni billi kkonstatat li dawn kienu ffavorixxew ċerti attivitajiet, sussegwentement hija llimitat, billi sseparat ir-RIE u l-membri tagħhom, l-eżami tagħha tal-vantaġġi rċevuti mill-investituri.

74 L-affermazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fil-punt 175 tas-sentenza appellata, dwar il-premessa 28 tad-deċiżjoni kontenzjuża, jiżnaturaw il-kontenut tagħha billi jagħtuha kontradizzjonijiet ineżistenti. Fil-fatt, din il-premessa, li tikklassifika lill-membri tar-RIE bħala "investituri", ma fiha ebda evalwazzjoni tal-Kummissjoni li tikkontradixxi evalwazzjoni oħra, billi tillimita ruħha li tirriproduċi sempliċement l-argumenti ta' ċerti partijiet ikkonċernati u li tagħmel għażla terminoloġika li ma tbiddilx in-natura tar-RIE.

75 Insostenn tat-tieni aggravju tagħha, il-Kummissjoni tinvoka żbalji ta' dritt għal dak li jirrigwarda l-obbligu ta' motivazzjoni kif ukoll żnaturament tad-deċiżjoni kontenzjuża allegatament imwettqa fil-punti 198 sa 208 tas-sentenza appellata. Il-Qorti Ġenerali qieset li ċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża kienu jitolbu motivazzjoni msaħħa ta' din id-deċiżjoni għal dak li jirrigwarda r-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ filwaqt li, għad-differenza mill-kawża li tat lok għas-sentenza tat-30 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja u Wam (C-494/06 P, EU:C:2009:272), li għaliha rreferiet, l-ebda ċirkustanza ġdida u eċċezzjonali f'dan il-każ ma kienet teħtieġ tali motivazzjoni. B'mod partikolari, ma hemm l-ebda dubju li l-effett tal-miżuri fiskali inkwistjoni kien tnaqqis dirett tal-bażi taxxabbli suġġetta għat-taxxa fuq il-kumpanniji, li r-RIE u l-membri tagħhom kienu joperaw fi swieq Ewropej liberalizzati li fihom kienu f'kompetizzjoni ma' operaturi oħra u li l-vantaġġi li jirriżultaw minn dawn il-miżuri ma kinux ammonti żgħar.

76 Il-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkonkludiet li d-deċiżjoni kontenzjuża ma kinitx suffiċjentement motivata għal dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' riskju ta' distorsjoni fis-suq li fih joperaw ir-RIE, billi din id-deċiżjoni ma spjegatx ir-raġunijiet għalfejn ir-RIE kienu jikkostitwixxu flimkien mal-membri tagħhom unità ekonomika waħda. Fil-fatt, irrispettivament minn dan, l-eżistenza ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni f'dan is-suq huwa biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li din il-kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE hija ssodisfatta.

77 Ir-Renju ta' Spanja jsostni li l-Kummissjoni qiegħda tiżviluppa l-argument tagħha tal-unità ekonomika magħmula mir-RIE u mill-membri tagħhom, invokat għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali. Dan l-argument imur kontra n-natura stess ta' RIE, li huwa biss sempliċi strument għat-trasferiment tal-vantaġġi fiskali f'direzzjoni speċifika. Barra minn hekk, jekk, meta tirreferi għall-"GIE [RIE] u/jew [għall-]investituri tagħhom" fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni riedet tindika li dawn kienu jikkostitwixxu unità ekonomika waħda u identika, hija kellha timmotiva biżżejjed din l-evalwazzjoni. Bl-istess mod, l-appartenenza tar-RIE għal settur ta' attività speċifiku ma huwiex spjegat b'mod ċar f'dik id-deċiżjoni. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonstatat ġustament li din tal-aħħar ma kinitx immotivata suffiċjentement.

78 Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ma talbitx, għal dak li jirrigwarda r-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ, livell ta' motivazzjoni ogħla minn dak meħtieġ mill-ġurisprudenza u r-referenza għas-sentenza tat-30 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja u Wam (C-494/06 P, EU:C:2009:272) fis-sentenza appellata, ma hijiex determinanti għar-raġunament li wassal għall-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali dwar il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża. Madankollu, jeżisti xebh bejn iċ-ċirkustanzi tal-kawża li tat lok għal dik is-sentenza u dawk ta' din il-kawża. Barra minn hekk, peress li l-Kummissjoni ma identifikatx il-grupp jew il-kategorija ta' impriżi li bbenefikat mill-miżuri fiskali inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata talli qieset li hija kienet naqset mill-obbligu tagħha ta' motivazzjoni għal dak li jirrigwarda d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ, billi teżisti korrelazzjoni bejn is-selettività ta' vantaġġ u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni.

79 Lico Leasing u PYMAR iqisu wkoll li, anki jekk jiġi preżunt li l-argument tal-unità ekonomika komposta mir-RIE u mill-membri tagħhom kien jinsab fid-deċiżjoni kkontestata, din tal-aħħar hija vvizzjata b'nuqqas ta' motivazzjoni f'dan ir-rigward, kif irrilevat il-Qorti Ġenerali sussidjarjament. Bl-istess mod, huma josservaw li l-Qorti Ġenerali ma talbitx motivazzjoni msaħħa għal dak li jirrigwarda r-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ, iżda kkonstatat nuqqas totali ta' motivazzjoni fuq dan il-punt. Fil-fatt, billi huwa każ kumpless li fih id-distorsjoni tal-kompetizzjoni kienet seħħet, skont il-Kummissjoni, fuq żewġ livelli differenti, kien indispensabbli, fil-fehma tagħhom, li tipprovdi motivazzjoni adegwata. Issa, l-affermazzjoni, fid-deċiżjoni kontenzjuża, li tgħid li l-benefiċjarji tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni kienu joperaw fis-setturi kollha tal-ekonomija u li dawn il-vantaġġi kienu jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom fis-swieq rispettivi tagħhom hija ġenerali u ma tispjegax ir-raġunijiet għalfejn is-SSTL kienet tippreżenta b'mod konkret riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u ta' effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Għal dak li jirrigwarda l-effett fuq is-suq tan-noleġġ mingħajr ekwipaġġ u tax-xiri u tal-bejgħ ta' bastimenti, id-deċiżjoni kontenzjuża hija vvizzjata b'diversi kontradizzjonijiet u inkonsistenzi fir-rigward tal-attività tar-RIE u, għaldaqstant, fir-rigward ukoll tal-kapaċità tal-miżuri fiskali inkwistjoni li jikkawżaw distorsjoni tal-kompetizzjoni u li jaffettwaw il-kummerċ.

80 Skont Bankia *et*, l-eżistenza ta' unità ekonomika komposta mir-RIE u mill-membri tagħhom ġiet invokat tardivament u ma tirriżultax mid-deċiżjoni kontenzjuża, b'tali mod li l-Qorti Ġenerali kienet korretta meta rrilevat, sussidjarjament, nuqqas ta' motivazzjoni li tivvizzja din d-deċiżjoni. Fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' din il-kawża, hija l-Kummissjoni li kellha, skont huma, l-obbligu li tipprovdi iktar indikazzjonijiet li jippermettu li wieħed jifhem kif il-vantaġġi rċevuti mill-investituri, u mhux mill-kumpaniji tat-tbaħħir jew mit-tarzni, setgħu jikkawżaw distorsjoni jew jheddu li jikkawżaw distorsjoni tal-kompetizzjoni jew jaffettwaw il-kummerċ fis-swieq li fihom dawn l-investituri kienu joperaw.

81 Aluminios Cortizo ssostni li l-Kummissjoni ma indikatx, fid-deċiżjoni kontenzjuża, ir-raġunijiet għalfejn hija ma evalwatx s-selettività tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni fis-suq tal-bini ta' bastimenti, li kien l-uniku wieħed kkonċernat. Barra minn hekk, skontha, l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni ma setgħet tiġi kkonstatata peress li l-investituri kienu joperaw fis-setturi kollha tal-ekonomija, billi tali distorsjoni tkun teżisti biss jekk il-miżura inkwistjoni tkun selettiva. Id-deċiżjoni kontenzjuża ma tipprovdix spjegazzjoni f'dan ir-rigward u hija għal din ir-raġuni li l-Qorti Ġenerali kkonstatat nuqqas ta' motivazzjoni fiha. Billi r-RIE, min-naħa tagħhom, huma biss strumenti finanzjarji, li jwettqu s-sempliċi eżekuzzjoni ta' klawżoli kuntrattwali, huma ma jipparteċipaw f'ebda suq, b'mod li distorsjoni tal-kompetizzjoni lanqas ma setgħet tiġi kkonstatata f'dan il-livell.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

82 Hekk kif fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punt 185 tas-sentenza appellata, skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni mitluba mill-Artikolu 296 TFUE għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi, b'mod ċar u mhux ekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att ikkontestat, b'tali mod li tippermetti li l-partijiet ikkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u li l-qorti tal-Unjoni tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti ta' fatt u ta' liġi rilevanti kollha, sa fejn il-kwistjoni ta' jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-formulazzjoni tagħha, iżda wkoll fid-dawl tal-kuntest tagħha u tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-6 ta' Settembru 2006, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, C-88/03, EU:C:2006:511, punt 88, kif ukoll tat-2 ta' Diċembru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et*, C-89/08 P, EU:C:2009:742, punt 77).

83 Applikat għall-klassifikazzjoni ta' miżura bħala għajnuna, dan il-prinċipju jeżiġi li jiġu indikati r-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni tqis li l-miżura inkwistjoni tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan ir-rigward, anki fil-każijiet fejn, miċ-ċirkustanzi li fihom ingħatat

l-għajnuna, jirriżulta li din tal-aħħar hija ta' natura li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li tikkawża distorsjoni jew thedded li tikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni xorta waħda għandha l-obbligu li ssemmi dawn iċ-ċirkustanzi fil-motivi tad-deċiżjoni tagħha (sentenzi tas-6 ta' Settembru 2006, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, C-88/03, EU:C:2006:511, punt 89, kif ukoll tat-30 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja u Wam, C-494/06 P, EU:C:2009:272, punt 49).

84 Għal dak li jirrigwarda l-kundizzjoni tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, hekk kif fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punt 188 tas-sentenza appellata, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-għajnuna intiża li teħles lill-impriża mill-ispejjeż li hija kien ikollha normalment issostni fil-kuntest tal-ġestjoni ta' kuljum jew tal-attivitajiet normali tagħha toħloq, bħala prinċipju, distorsjoni fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni (sentenzi tad-19 ta' Settembru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-156/98, EU:C:2000:467, punt 30, u tat-3 ta' Marzu 2005, Heiser, C-172/03, EU:C:2005:130, punt 55).

85 Fir-rigward tal-kundizzjoni tal-effett fuq il-kummerċ, hekk kif fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punt 191 tas-sentenza appellata, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-għoti ta' għajnuna minn Stat Membru, fil-forma ta' tnaqqis mit-taxxa, lil ċerti persuni taxxabbli, għandu jitqies bħala li jista' jkollu effett fuq dan il-kummerċ u, konsegwentement, bħala li jissodisfa din il-kundizzjoni peress li dawn il-persuni taxxabbli jeżerċitaw attività ekonomika li hija s-suġġett ta' dan il-kummerċ u ma jistax jiġi eskluż li dawn huma f'kompetizzjoni ma' operaturi stabbiliti fi Stati Membri oħra (sentenzi tat-3 ta' Marzu 2005, Heiser, C-172/03, EU:C:2005:130, punt 35, kif ukoll tat-30 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja u Wam, C-494/06 P, EU:C:2009:272, punt 51). Barra minn hekk, meta għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħra li jikkompetu fil-kummerċ fl-Unjoni, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu bħala affettwati mill-għajnuna (sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Cassa di Risparmio di Firenze *et*, C-222/04, EU:C:2006:8, punt 141).

86 Skont ġurisprudenza li hija wkoll stabbilita, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' miżura nazzjonali bħala "għajnuna mill-Istat", ma hemmx lok li jiġi stabbilit li l-għajnuna għandha effett reali fuq il-kummerċ bejn Stati Membru u li hemm distorsjoni effettiva tal-kompetizzjoni, imma biss li jiġi eżaminat jekk l-għajnuna tistax taffettwa dawn l-iskambji u toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni (sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Cassa di Risparmio di Firenze *et*, C-222/04, EU:C:2006:8, punt 140 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

87 F'dan il-każ, fil-punti 169 sa 173 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, billi pprovat tiddetermina jekk l-analiżi mill-Kummissjoni tal-miżuri fiskali inkwistjoni kinitx tippermetti li jitqies li l-vantaġġi rċevuti mill-investituri, u mhux mir-RIE, kienu jissodisfaw il-kundizzjoni dwar is-selettività, qieset li l-attivitajiet imsemmija fid-deċiżjoni kontenzjuża, li kienu bbenefikaw minn dawn il-miżuri, jiġifieri x-xiri ta' bastimenti permezz ta' kuntratti ta' lokazzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tan-noleġġ tagħhom mingħajr ekwipaġġ u tal-bejgħ mill-ġdid sussegwenti tagħhom, kienu eżerċitati mir-RIE stabbiliti għall-finijiet tas-SSTL. Għalhekk, hija tirrileva li, li kieku l-Kummissjoni qieset li l-vantaġġi rċevuti mill-investituri kienu selettivi minħabba r-realizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet, hija kellha tippreċiża li l-attivitajiet tar-RIE kienu jikkorrispondu għal dawk tal-membri tagħhom jew, minn tal-inqas, li dawn setgħu jiġu attribwiti lilhom. Il-Qorti Ġenerali rrilevat li d-deċiżjoni kontenzjuża ma kienet tipprovdi ebda spjegazzjoni f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni llimitat ruħha sabiex tikkonkludi li l-miżuri fiskali inkwistjoni kienu jagħtu vantaġġ selettiv lir-RIE u/jew lill-investituri tagħhom mingħajr ma tagħti ebda preċiżazzjoni addizzjonali u mingħajr ma tispjega, b'mod partikolari, għaliex jista' jitqies li l-membri tar-RIE kienu jeżerċitaw l-attivitajiet ekonomiċi ta' dawn tal-aħħar daqslikieku kienu jifformaw entità ġuridika jew ekonomika waħda.

88 Il-Qorti Ġenerali rrilevat ukoll, fil-punt 174 tas-sentenza appellata, li l-affermazzjoni, fil-premessa 172 tad-deċiżjoni kkontestata, li tgħid li l-investituri "joperaw permezz tal-GIE [RIE] fi swieq ta' lokazzjoni [noleġġ] mingħajr ekwipaġġ u tal-akkwist u l-bejgħ ta' bastimenti tal-baħar", kienet tidher barra minn hekk li tikkontradixxi premessi oħra ta' din id-deċiżjoni.

89 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punti 176 u 177 tas-sentenza appellata, li s-sempliċi konstatazzjoni magħmula fil-premessa 157 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li tgħid li s-SSTL kienet tiffavorixxi l-attivitajiet eżerċitati mir-RIE, ma setgħetx tistabbilixxi s-selettività tal-vantaġġi rċevuti mill-investituri u li, jekk din id-deċiżjoni kellha tiġi interpretata fis-sens li l-investituri kienu jeżerċitaw, permezz tar-RIE stabbiliti għall-finijiet tas-SSTL, l-attivitajiet speċifiċi ta' dawn tal-aħħar, fuq dan il-punt l-imsemmija deċiżjoni tkun vvizzjata b'nuqqas ta' motivazzjoni, jew saħansitra b'kontradizzjoni ta' motivi.

90 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 208 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha meta ddeċidiet, fil-premessi 171 sa 173 tad-deċiżjoni kkontestata, li kien hemm ir-riskju li l-miżuri inkwistjoni jikkawżaw distorsjoni tal-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn Stati Membri. Sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha, il-Qorti Ġenerali, fl-ewwel lok, fil-punti 198 sa 204 ta' dik is-sentenza, qieset essenzjalment li l-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li l-investituri kienu joperaw fis-setturi kollha tal-ekonomija u li l-vantaġġi kienu jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom fis-swieq rispettivi tagħhom ma kinitx suffiċjentement motivata, peress li din hija affermazzjoni ġenerali li tista' tiġi applikata għal kull tip ta' għajnuna mill-Istat, billi l-Kummissjoni ma ssemmi ebda ċirkustanza speċifika li tispjega din il-konstatazzjoni, filwaqt li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari rrilevati fl-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni kellha l-obbligu li tipprovdi iktar indikazzjonijiet li jippermettu li wieħed jifhem kif il-vantaġġi rċevuti mill-investituri, u mhux mill-kumpanniji tat-tbaħħir jew mit-tarzni, setgħu jikkawżaw distorsjoni jew jheddu li jikkawżaw distorsjoni tal-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ fis-swieq li fihom kienu joperaw l-investituri.

91 Fit-tieni lok, fil-punti 205 sa 207 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li l-konstatazzjoni magħmula fil-premessa 172 tad-deċiżjoni kontenzjuża lanqas ma kienet tissodisfa l-obbligu ta' motivazzjoni, liema konstatazzjoni tgħid li, permezz tal-operazzjonijiet li kienu jibbenefikaw mis-SSTL, l-investituri kienu joperaw permezz tar-RIE fis-swieq tan-noleġġ mingħajr ekwipaġġ u tax-xiri u tal-bejgħ ta' bastimenti, li huma miftuħa għall-kummerċ fi ħdan l-Unjoni, peress li l-Kummissjoni ma spjegatx f'din id-deċiżjoni r-raġunijiet għalfejn ir-RIE stabbiliti għall-finijiet tas-SSTL u l-membri tagħhom kienu jifformaw entità ġuridika jew ekonomika waħda, b'tali mod li l-attivitajiet tar-RIE setgħu jiġu attribwiti lill-membri tagħhom.

92 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha huma bbażati fuq il-premessa li tgħid li l-investituri, u mhux ir-RIE, setgħu jitqiesu bħala l-benefiċjarji tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni u li għalhekk kellu jiġi eżaminat jekk il-vantaġġi li l-investituri, u mhux ir-RIE, kienu rċevew kinux ta' natura selettiva, jekk kienx hemm ir-riskju li dawn jikkawżaw distorsjoni tal-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri u jekk id-deċiżjoni kontenzjuża kinitx suffiċjentement motivata fir-rigward tal-analiżi ta' dawn il-kriterji. Issa, hekk kif jirriżulta mill-eżami tal-ewwel ilment tal-ewwel aggravju tal-appell, din il-premessa hija żbaljata.

93 Barra minn hekk, sabiex jiġi evalwat jekk id-deċiżjoni kontenzjuża hijiex suffiċjentement motivata għal dak li jirrigwarda s-selettività tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri, għandu jiġi eżaminat il-kontenut ta' din id-deċiżjoni kollha kemm hi.

94 Billi tiddeskrivi l-istruttura fiskali tas-SSTL fil-punt 2.2 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni, fil-premessi 15 sa 20 tagħha, indikat li l-għan tas-SSTL kien li r-RIE u l-investituri li kienu jipparteċipaw fiha jibdew jibbenefikaw minn ċerti miżuri fiskali. Kif ġie espost fil-punt 9 ta' din is-sentenza, hija spjegat kif ir-RIE kien jirċievi l-vantaġġi fiskali f'żewġ stadji, permezz ta' numru mill-miżuri fiskali inkwistjoni. Fil-punt 5.3.2.6 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni esponiet li l-vantaġġi ekonomiċi li jirriżultaw minnhom kienu jikkorrispondu għall-vantaġġi li r-RIE ma kinux jiksbu mill-istess operazzjoni li kieku kienu applikaw biss il-miżuri ġenerali, jiġifieri l-interessi mfaddla fuq l-ammonti tal-ħlasijiet tat-taxxi posposti bis-saħħa tad-deprezzament antiċipat, l-ammont tat-taxxi

evitati jew tal-interessi mfaddla fuq it-taxxi posposti skont is-sistema ta' tassazzjoni skont it-tunnellaġġ u l-ammont tat-taxxi evitati fuq il-qligħ kapitali li sar fil-mument tal-bejgħ tal-bastiment. Hija kkonstatat, fil-punt 5.3.3 tal-istess deċiżjoni, li s-SSTL kienet timplika għalhekk l-użu ta' riżorsi pubbliċi fil-forma ta' telf ta' dħul fiskali u ta' interessi mhux miġbura.

95 Għal dak li jirrigwarda l-kumpanniji tat-tbaħħir u t-tarzni, il-Kummissjoni b'mod partikolari esponiet, fil-premessi 162 u 167 sa 170 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li, f'termini ekonomiċi, parti sostanzjali mill-vantaġġi fiskali miksuba mir-RIE kienet tiġi ttrasferita lill-kumpanniji tat-tbaħħir permezz ta' tnaqqis fuq il-prezz, iżda li l-vantaġġi miksuba minn dawn tal-aħħar u indirettament mit-tarzni ma kinux imputabbli lill-Istat, billi dawn kienu jirriżultaw minn numru ta' operazzjonijiet legali bejn entitajiet privati.

96 Għal dak li jirrigwarda r-RIE u l-"investituri", huwa minnu li l-Kummissjoni ddikjarat, fil-premessa 28 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li, "[m]inħabba li l-membri tagħhom iqisu li l-GIE [RIE] li jipparteċipaw f'operazzjonijiet [S]STL jikkostitwixxu veikolu ta' investiment – aktar minn mod kif titwettaq attività konġunta – din id-Deċiżjoni tirreferi għalihom bħala investituri" u hija ma kkonstatatx f'din id-deċiżjoni li r-RIE u l-investituri kienu jifformaw unità ekonomika.

97 Barra minn hekk, la minn din il-premessa u lanqas mid-deċiżjoni kkontestata ma jirriżulta li l-Kummissjoni kienet qablet mal-argument li r-RIE kienu biss sempliċi mezzi ta' investiment jew li dawk li hija rreferiet għalihom bħala "investituri" tqisu minnha għajr bħala l-membri tar-RIE. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni indikat, fil-premessa 126 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li r-RIE inkwistjoni kienu impriżi fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE u, fil-premessa 140 tagħha, li t-trasparenza fiskali tagħhom kienet tippermetti sempliċement lil operaturi differenti jingħaqdu sabiex jiffinanzjaw jew iwettqu kwalunkwe attività ekonomika. Fil-kuntest tal-analiżi tagħha tas-selettività tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni, fil-punt 5.3.2 ta' din id-deċiżjoni, b'mod partikolari fil-premessa 161 tagħha, hija ddeskriviet ir-RIE bħala l-entitajiet li lilhom kienu ngħataw il-miżuri fiskali inkwistjoni u bħala l-benefiċjarji tagħhom, u osservat, fil-premessa 157 tal-imsemmija deċiżjoni, li dawn il-miżuri kienu jiffavorixxu l-attività ta' xiri ta' bastimenti permezz ta' kuntratti ta' lokazzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tan-noleġġ tagħhom mingħajr ekwipaġġ u tal-bejgħ mill-ġdid sussegwenti tagħhom, eżerċitata mir-RIE.

98 F'diversi okkażjonijiet, b'mod partikolari fil-premessi 16, 17, 28, 29 u 45 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni semmiet f'din tal-aħħar il-kunċett ta' "trasparenza fiskali" tar-RIE, li kellha bħala konsegwenza t-trasferiment lill-membri tagħhom tal-vantaġġi kollha li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni. Għaldaqstant, fil-premessa 166 ta' din id-deċiżjoni, hija rrilevat li, "[f]il-kuntest tal-operazzjonijiet [S]STL, l-Istat, inizjalment jittrasferixxi r-riżorsi tiegħu lill-GIE [RIE] billi jiffinanzja l-vantaġġi selettivi [u, sussegwentement,] [p]ermezz tat-trasparenza tat-taxxa [fiskali], il-GIE [...] jittrasferixxi r-riżorsi tal-Istat lill-investituri tiegħu".

99 Huwa b'mod partikolari billi esponiet dawn l-elementi kollha li, fl-eżami tal-kundizzjoni dwar id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u ta' dik dwar l-effett fuq il-kummerċ fil-premessi 171 sa 173 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni rrilevat li l-membri tar-RIE kienu joperaw fis-setturi kollha tal-ekonomija, partikolarment f'setturi miftuħa għall-kummerċ bejn l-Istati Membri u li, barra minn hekk, permezz tal-operazzjonijiet li jibbenefikaw mis-SSTL, huma kienu joperaw permezz tar-RIE fis-swieq tan-noleġġ mingħajr ekwipaġġ u tax-xiri u tal-bejgħ ta' bastimenti, li huma wkoll miftuħa għall-kummerċ bejn Stati Membri, b'tali mod li l-vantaġġi li jirriżultaw mis-SSTL kienu jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom fis-swieq rispettivi tagħhom, li kien jikkawża distorsjoni jew kien jhedded li jikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni. Hija kkonkludiet li l-vantaġġi ekonomiċi li kienu jirċievu ir-RIE u l-investituri tagħhom setgħu jaffettwaw l-kummerċ bejn l-Istati Membri u jikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

100 Minbarra l-fatt li l-kunsiderazzjoni li tgħid li l-investituri kienu joperaw permezz tar-RIE fis-suq tan-noleġġ mingħajr ekwipaġġ u tax-xiri u tal-bejgħ ta' bastimenti ma tikkontradixxix il-premessa 28 tad-deċiżjoni kontenzjuża, lanqas ma tikkontradixxi, kuntrarjament għal dak li rrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 175 tas-sentenza appellata, il-premessa 27 ta' din id-deċiżjoni li tgħid li r-RIE kellhom personalità ġuridika distinta mill-membri tagħhom.

101 Minn dawn l-elementi jirriżulta li l-Kummissjoni tat, fid-deċiżjoni kontenzjuża, l-indikazzjonijiet li jippermettu li wieħed jifhem ir-raġunijiet għalfejn hija qieset li l-vantaġġi li jirriżultaw mill-miżuri fiskali inkwistjoni kienu ta' natura selettiva u setgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri u jikkawżaw distorsjoni tal-kompetizzjoni u li hija, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' din il-kawża, immotivat din id-deċiżjoni suffiċjentement u mingħajr ebda kontradizzjoni f'dan ir-rigward billi ssodisfat ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE kif ippreċiżati mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 82 sa 86 ta' din is-sentenza.

102 Minn dan isegwi li t-tieni lment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju kif ukoll it-tieni aggravju għandhom jintlaqgħu.

103 Konsegwentement, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata.

**Fuq li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali**

104 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din tal-aħħar tista', fil-każ ta' annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, jew tiddeċiedi l-kawża definittivament hija stess, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

105 F'dan il-każ, peress li l-Qorti Ġenerali eżaminat biss parti mill-motivi mressqa mill-partijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li din il-kawża ma hijiex fi stat li tiġi deċiża. Għaldaqstant, il-kawża għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Fuq l-ispejjeż**

106 Peress li l-kawża qiegħda tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali, hemm lok li l-ispejjeż jiġu rriżervati.

107 Skont l-Artikolu 140(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-istess Regoli, Bankia *et* u Aluminios Cortizo, intervenjenti fl-appell, għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-17 ta' Diċembru 2015, Spanja *et* vs Il-Kummissjoni (T-515/13 u T-719/13, EU:T:2015:1004), hija annullata.**

2) **Il-kawża għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.**

3) **L-ispejjeż huma rriżervati.**

4) **Bankia SA, Asociación Española de Banca, Unicaja Banco SA, Liberbank SA, Banco de Sabadell SA, Banco Gallego SA, Catalunya Banc SA, Caixabank SA, Banco de Santander SA, Santander Investment SA, Naviera Séneca AIE, Industria de Diseño Textil SA, Naviera Nebulosa de Omega AIE, Banco Mare Nostrum SA, Abanca Corporación Bancaria SA,**

**Ibercaja Banco SA, Banco Grupo Cajatres SAU, Naviera Bósforo AIE, Joyería Tous SA, Corporación Alimentaria Guissona SA, Naviera Muriola AIE, Poal Investments XXI SL, Poal Investments XXII SL, Naviera Cabo Vilaboa C-1658 AIE, Naviera Cabo Domaio C-1659 AIE, Caamaño Sistemas Metálicos SL, Blumaq SA, Grupo Ibérica de Congelados SA, RNB SL, Inversiones Antaviana SL, Banco de Caja España de Inversiones, Salamanca y Soria SAU, Banco de Albacete SA, Bodegas Muga SL u Aluminios Cortizo SAU għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

Firem